# Il-Każini tal-Baned

**Mario Fenech**



Qegħdin ngħixu ħajja mgħaġġla fejn kulħadd bla nifs, irid jagħmel ħafna affarijiet mingħajr m'għandu l-ħin biżżejjed biex jagħmel dan. Iżda kultant ftit tal-ħin għal kwiet irid ikun ukoll, u fejn hemm aħjar minn każin tal-banda biex wieħed jaqsam il-ħsibijiet tiegħu ta' tmexxija jew parteċipazzjoni?

Meta twaqqfu l-ewwel każini tal-festi f'Malta dawn kien hemm fihom l-ewwel gruppi ta' nies li bdew jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom permezz tat-twaqif tal-kumitati. Uħud minn dawn l-għaqdiet waqqfu dik li kinet tissejaħ il-'Muwto Sokkorso'. Din kienet tip ta' assigurazzjoni li kienet tieħu ħsieb il-qraba tal-membri wara l-mewt tagħhom, meta f'Malta ma kienx hawn benefiċċji soċjali.

Wara l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, il-poplu Malti kien ġie mogħti l-ewwel tip ta' kostituzzjoni mill-Gvern Kolonjali, bl-ewwel rappreżentanti tal-poplu jigu magħżula minn fost il-kleru, nies ta' karigi għolja u membri tal-kumitati tal-Każini tal-banda. Dan juri l-importanza tal-għaqdiet mużikali ta' dak iż-żmien.

Il-każini tal-banda ħafna drabi kien ikun il-post fejn dak li jkollu l-ħsieb li jibda l-karriera politika tiegħu kien imur jiltaqa' man-nies. Dan il-fatt wassal biex ir-rivalita' bejn il-baned ma kinitx tkun biss dwar il-festa iżda ukoll dwar il-partit. Maż-żmien, din id-drawwa inqatgħet għal kollox, bejn għaliex fl-irħula ġew miftuħa każini politiċi, kif ukoll għal fatt li llum il-messaġġ politiku qiegħed jitwassal b'mezzi oħrajn teknoloġiċi li ġew żviluppati matul dan l-aħħar snin.

Wara d-daqqa kiefra tat-tieni gwerra dinjija, l-każini tal-banda bdew iqumu fuq saqajhom mill-ġdid, u għaqdiet oħrajn li kien twaqqfu bħala każini tal-festa, bdew iwaqqfu ukoll il-banda tagħhom. Ġara għal daqstant li uħud mill-każini tal-banda mhux biss bdew jieħdu ħsieb l-arma ta' barra u l-logħob tan-nar. Dan ix-xogħol kollu jrid il-ħin, il-finanzi, u l-ħila flimkien ma' tmexxija tajba.

Fil-Ħamrun, għal ħafna snin kien hemm żewġ baned li warajhom kienu jiġbdu eluf ta' nies, mhux biss mill-Ħamrun, iżda minn madwar Malta kollha. Kienet għalhekk biċċa xogħol wisq iebsa li titwaqqaf banda oħra, għalkemm din twaqqfet f'paroċċa oħra. It-triq kienet iebsa għaliex kollox beda mix-xejn. Mhux ser noqgħod nirrakonta kemm ħadmu l-fundaturi ta' din is-soċjeta' mużikali, li għażlet li tkun taħt il-ħarsien tal-Madonna bl-isbaħ titlu tagħha "Immakulata Kunċizzjoni".

Ir-riżultat ta' din il-ħidma qegħdin narawh fis-seda l-ġdida tas-soċjeta', kif ukoll waqt il-marċi li jsiru matul il-jiem tal-festa u attivitajiet oħrajn. Il-banda qanqlet ukoll interess f'dak li huwa armar ta' barra. Għaliex x'jiswa li jkollok il-banda tal-post u t-toroq tal-parroċċa jkunu mingħajr armar? Għal daqstant, il-kumitat li qed jieħu ħsieb l-armar ta' barra qed jagħmel xogħol siewi b'riżq il-festa.

Il-każini tal-banda huma l-perm tal-kultura tagħna. Fil-każin tal-banda u fil-maħżen tal-armar, iż-żgħażagħ tagħna jistgħu juru t-talenti tagħhom fil-mużika, fil-ħjata, fil-pittura, xogħol fl-injam, xogħol ta' skultura, u tal-kartapesta, fil-piroteknika u tant xogħol ieħor. Dan kollu għandu jkun rispettat minn kulħadd u wieħed għandu jistaqsi: xi jkun hawn ikkulurit u movimentat waqt l-istaġun tas-Sajf jekk dan ix-xogħol kollu b'mod volontarju mill-membri tal-għaqdiet tal-festa u tal-mużika ma jibqax isir? Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**LEWIS MAGRI & SONS LTD.**

**FREIGHT FORWARDERS, TRANSPORT & CUSTOMS CLEARANCE**

164, VILLAMBROSA STR., HAMRUN HMR 1124
TEL: 21226106 - FAX: 21226108
OFFICE MOBILE: 9943 7664
E-mail: info@lmsmalta.com
www.lmsmalta.com